# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju 2017**

**Numru 8**

**Rikors Numru 114/17**

**Elton u Cheryl konjugi Penza**

**v.**

**i. Terra Mediterranea Limited (C24152)**
**ii. Raymond Aquilina u martu Denise Aquilina**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-konjugi Aquilina tal 21 ta' Marzu 2017 li bih talbu illi din il-Qorti joghgobha;

> "(i) tappunta dan ir-rikors bl-urgenza, (ii) tirrevoka l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 401/2017, l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 402/2017 u l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 400/2017 in kwantu mahruga kontrihom personalment, in toto jew in parte; jew (iii) f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ma ghandhiex tirrevoka l-imsemmija mandati kollha, tordna lir-rikorrenti Elton u Cheryl Penza sabiex jaghtu garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12 fi zmien prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, u fin nuqqas li tinghata tali garanzija mir-rikorrenti, tirrevoka l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 401/2017, l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju Numru 402/2017 u l-Mandat

> ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 400/2017 in kwantu mahruga kontra l-esponenti personalment, salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti."

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu giet ordnata notifika lill-intimati tal-istess rikors bil-fakolta` li jirrispondu;

Rat ir risposta tal-konjugi Penza li permezz taghha talbu li din it-talba ghandha tigi respinta bl-ispejjez ghal dawn ir-ragunijiet li wkoll qed jigu riprodotti:

"1. Il-konjugi Aquilina jilmentaw illi l-ammont indikat fil-in kwistjoni u cioe` l-ammont ta' €409,692.22 mhijiex gustifikata jew hija eccessiva. Jinsistu wkoll illi z-zamma fis-sehh tal-mandati kawtelatorji m'ghandhiex tinzamm fis-sehh in toto jew in parte billi mhix ragonevoli, mhijiex aktar mehtiega jew mhijiex gustifikabbli. L-argumenti li jresqu biex isahhu dawn iz-zewg ragunijiet huma biss illi fis-sentenza taghha, li fuqha l-esponenti appellaw permezz ta' appell incidentali kienet cahdet it-talba taghhom li l-konjugi Aquilina f'isimhom proprio jinstabu responsabbli in solidum mas-socjeta` Terra Mediterranea Limited ghad-dabbi sofferti minnhom. Ma semmew l-ebda raguni ohra li a bazi taghha dan ir-rikors ghandu jigi milqugh minn din l-Onorabbli Qorti hlief li l-ewwel Qorti ddecidiet li ma ngabux bizzejjed provi sabiex ikun hemm il-*lifting of the corporate veil*.

"2. L-esponenti jissottomettu illi la darba l-konjugi Aquilina flimkien ma' Terra mediterranea Limited kienu appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti din is-sentenza hija sospiza u bhala tali permezz kemm tal-Appell principali tal-konvenuti appellati kif ukoll minhabba l-appell incidental ital-atturi appellant fir-rigward tal-appell incidentali d-decizjoni kollha fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-partijiet quddiem l-ewwel Qorti ghadhom sospizi kif ser jibqghu hekk sospizi skemm ikun hemm sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti. Dan ma jistax hlief ifisser illi hekk kif meta giet intavolata l-kawza promotorja hafna snin ilu bil-Prim'Awla tal-Qorti Civili tilqa' l-hrug tal-ewwel mandati ta' Qbid u Sekwestru kawtelatorji, l-hrug tal-mandati kawtelatorji meritu ta' dan ir-rikors m'ghandhomx jigu mittifsa billi kull ma

ghamlu l-esponenti, meta ntavolaw l-istess kien illi hadmu matematikament id-danni li huma rebhu permezz tal-ewwel sentenza mghaduda l-imghaxijiet imsemmija bhala lilhom dovuti wkoll permezz tal-istess sentenza b'dan li hargu l-mandati kawtelatorji fuq id-differenza bejn l-ammont iggarantit permezz tal-garanzija bankarja li l-konjugi Aquilina u Terra Mediterranea Limited kienu ntavolaw sabiex ottenew il-hrug tal-kontro mandat ghall-ewwel mandat kawtelatorju biex b'hekk imxew litteralment mija fil-mija fuq id-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti.

"3. La darba agixxew hekk l-esponenti u allura b'mod korrettissimu u kif deciz mill-Qorti tal-Prim'Istanza kif jistghu l-konjugi Aquilna jinsistu illi qed jintalab xi ammont esagerat jew mhux gustifikat jew irragonevoli, ingustifikabbli jew li mhuwiex aktar mehtieg? Jekk dan l-argument jigi milqugh minn din l-Onorabbli Qorti dan ikun ifisser xejn hlief illi din il-Qorti tkun iddecidiet l-appell li sal-lum lanqas biss ghadu gie appuntat ghas-smiegh fid-data li taghti d-digriet taghha fuq il-proceduri in kwistjoni bir-rizultat ikun illi, f'kaz li hekk taghmel din il-Qorti tkun iddeciediet l-appell inidentali snin qabel ma tinghata s-sentenza finali. Ma jistax l-esponenti ma jergax itenni l-argument li gab 'il fuq f'din ir-risposta illi sentenza appellata, ikun xi jkun l-ezitu taghha hija sospiza sakemm jew tigi kkonfermata jew tigi mwarrba mill-Qorti tat-Tieni Istanza cioe` din il-Qorti u bhala tali bhal speci dik is-sentenza u sa dan iz-zmien ma torbot lil hadd.

"4. Il-konjugi Aquilina kienu skorretti legalment qed jigi sottomess illi jsemmu b'kelma b'kelma r-ragunijiet li tat l-ewwel Onorabbli Qorti meta din sabet illi ma kienx hemm bizzejjed provi sabiex ikun hemm "*il-lifting of the corporate veil*" u allura illi d-danni kkagunati mill-konjugi Aquilina u sofferti mill-konjugi Penza jkunu responsabbli ghalihom ukoll u in solidum ma' Terra Mediterranea l-konjugi Aquilina meta, kif gia` ssemma' ir-ragunijiet li waslu lill-ewwel Qorti tiddeciedi fuq kemm it-talbiet kif ukoll l-eccezzjonijiet ghadhom u jibqghu sospizi sad-data tas-sentenza finali fl-appell. Ghall-istess raguni msemmija mill-konjugi Aquilina fejn fit-tieni paragrafu u f'pagna sitta tar-rikors in kwistjoni stqarrew illi "l-ezami li jenhtieg isir minn din l-Onorabbli Qorti huwa limitat, ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, billi skrutinju profond u dettaljat tal-vertenza jibqa' essenzjalment rizervat ghall-proceduri fil-mertu quddiem din l-Onorabbli Qorti meta jinstema' l-appell...", il-konjugi Aquilina qeghdin jaqblu, ex-admissis mas-sottomissjonijiet tal-esponenti u cioe` illi f'dan l-istadju dak kollu li kien jezisti qabel ma nghatat is-sentenza, jibqa' sospiz sas-sentenza finali. L-unika haga li nbidlet minn meta giet intavolata l-garanzija bankarja sal-lum hija dik il-parti

tas-sentenza li akkordat l-imghax legali fuq is-somma ggarantita bil-garanzija bankarja, liema imghax qieghed jigi kkawtelat kif ghandu jigi kkawtelat bi dritt la darba Terra Mediterranea iddecidiet li tappella mis-sentenza.

"5. Bl-istess ragunament li qed iressqu l-konjugi Aquilina u cioe` illi l-ammont huwa eccessiv, mhux misthoqq, mhux gustifikat, mhux ragonevoli, mhuwiex aktar mehtieg etc. etc. ghaliex allura m'ghamlux talba simili in kwantu huma l-*beneficial owners* tas-socjeta` Terra Mediterranea Limited kif kien ikun logiku li jaghmlu li kieku mhux ghax jafu illi bil-maneggi li saru miz-zmien li saret il-kawza u ftit qabel u ftit wara huma raw kif ghamlu biex inezzghu lil Terra Meditarranea Limited mill-assi li kellha qabel ma nfethet il-kawza tant illi in segwitu ghall-hrug tal-ewwel Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju l-banek kollha sekwestratarji, Trasport Malta, id-Direttur tal-Kuntratti lkoll iddikjaraw illi ma kellhomx flejjes f'idejhom appartenenti ghal Terra Mediterranea Limited. Kien biss wara li l-esponenti hargu Mandat ta' Inibizzjoni milqugh mill-Prim'Awla li permezz tieghu s-socjetajiet kollha li fihom il-konjugi Aquilina kienu diretturi u/jew beneficial owners gew inibiti milli jghaddulhom kwalunkwe paga, dividends jew flejjes ohra sakemm ma tigi rizolta l-kawza illi huma ottenew u pprezentaw fir-registru ta' din il-Qorti l-garanzija bankarja biex tkopri l-ammont ikkawtelat fl-ewwel Mandat ta' Sekwestru. Kif setghet allura s-socjeta` Terra Mediterranea Limited kif ukoll il-konjugi Aquilina f'isimhom proprio bla ebda sold fil-banek sekwestrati ghat-tlieta li huma f'daqqa wahda u bhala konsegwenza tal-mandat ta' inibizzjoni li gie milqugh, mill-arja u qisu bil-bakketta magika joholqu s-somma ta' terz ta' miljun ewro jekk mhux ghall-unici raguni illi hekk kif raw il-perikolu gej ghalihom zvujtaw kemm lil Terra Mediterranea kif ukoll lilhom infushom minn kwalunkwe assi li setghu jaghmlu tajjeb ghall-eventwali hlas tad-danni li gew mitluba jhallsu.

"6. Illi meta giet biex takkwista l-proprjeta` meritu ta' dawn il-proceduri minghand Spiteri Holdings Limited, Terra Mediterranea, b'qerq u in pessima mala fede jidher illi giet taqa; u tqum mill-akkwist li sar tal-imsemmija proprjeta` minn Spiteri Holdings Limited li kienet akkwistat l-istess art minghand Patri Valent li qal li kien amministratur tal-proprjetarji tal-istess art u liema art kienet gejja mill-wirt ta' Pawlu u Tereza ahwa Xuereb, liema akkwist kien sar bl-awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla u meta l-abbozz tal-kuntratt li kien tressaq ghall-approvazzjoni minn Patri Valent u Spiteri Holdings Limited u fejn din l-art massicca kienet inbieghet ghall-ammont redikolu ta' Lm7,000 fl-abbozz approvat mis-Sekond Awla kien hemm inidkat bl-izjed

mod car illi minhabba illi ma kien hemm prattikament l-ebda prova ta' xejn illi l-art ittrasferita bl-awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla kienet tappartjeni in amministrazzjoni da parti ta' patri Valent u allura kien hemm l-eskluzjoni total ital-garanzija tal-pacifiku pussuss meta gie ffirmat il-kuntratt proprju minn Nutar Dr. Tony Abela l-paragrafu li kien jeskludi l-garanzija tal-pacifiku pussess gheb sabiex skont il-ligi l-art inbieghet minghajr din l-eskluzjoni li skont il-Ligi allura tfisser illi kien hem mil-garanzija tal-pacifiku pussess ex lege.

"7. Illi huma dawn ic-cirkostanzi li kellhom, bir-rispett kollu ghal dak li ddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti li kellhom iwasslu lill-istess Qorti "*to lift the corporate veil*" billi ma jista' qatt ikun ragonevoli jew li ghandu mill-verita` illi bicca art ta' daqs konsiderevoli f'wahda mill-postijiet ta' valur mill-izjed gholi fis-Swieqi/l-ibragg maqsuma din l-art f'kwantita` enormi ta' plots tigi stmata minn perit imqabbad mis-Sekond Awla fis-somma ta' Lm7,000 biex sussegwentement tinbiegh plot plot diviza kull plot f'zewg maisonettes ghal mijiet tal-eluf ta' liri u meta akkwistata ghal circa €15,000.

"8. Tant kienu in mala fede l-konjugi Aquilina flimkien ma' Terra Mediterranea Limited illi qabel ma bdiet din il-kawza kien hemm kawzi ohra maghmula minn terzi kontra Raymond Aquilina personalment u kontra s-socjeta` Terra Mediterranea Limited – (ara sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottrubru 2010, citazzjoni numru 975/01GC fl-ismijiet Borg & Borg Construction Limited et vs Raymond Aquilina f'ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Terra Mediterranea Limited) li fiha gie deciz mill-Qorti illi diversi plots mixtrija minn Terra Mediterranea Limited minghand Spiteri Holdings Limited pero` biss fuq konvenju, fl-istess contrada meritu ta' din il-kawza u cioe` f'ta Wied Mejxu u li fuq liema plots Terra Mediterranea Limited kienet bdiet tizviluppa, gew iddikjarati permezz ta' din is-sentenza li qatt ma kienu jappartjenu la lil Spiteri Holdings Limited u inqas u inqas lil Terra Mediterranea u li minflok kienu jappartjenu lil Borg & Borg Construction Limited. Gie stabbilit fis-sentenza f'din il-kawza illi l-konvenju ghal dawn il-plots gie ffirmat fil-21 ta' Frar 2000 u l-kawza fuq riferita giet intavolata fil-bidu tas-sena 2001 meta l-maisonette li l-konjugi Penza kienu akkwistaw minghand Terra Mediterranea Limited kienet giet mibjugha kwazi sentejn wara illi Terra Mediterranea giet mizmuma milli tkompli tibni fuq proprjeta` li ma kenitx taghha. Dan il-fatt biss, qed jigi sottomess kellu bir-rispett kollu lill-ewwel Onorabbli Qorti jwassalha biex toghli l-velu tal-kumpanija u zzomm lill-konjugi Aquilina responsabbli in solidum ghad-danni

sofferti minn Penza. Dan b'mod partikolari billi l-plots li fuqhom kienet qed tibni Terra Mediterranea u li rrizultaw li ma kienux jappartjenu lilha izda lil Borg & Borg Construction Limited kienu provenjenti mill-eredita` ta' Pawlu u Tereza Xuereb l-istess provenjenza li minnha kienet suppost gejja l-art li fuqha giet mibnija l-maisonette ta' Penza meta din il-provenjenza giet kompletament skartata mill-Ewwel Onorabbli Qorti wara li ben hames esperti teknici u legali kienu lkoll iddecidew illi l-art qatt ma kienet tappartjeni lill-eredita` ta' Pawlu u Tereza Xuereb izda lill-eredita` ta' terzi. Din is-sentenza nghatat izjed minn sitt snin qabel is-sentenza in kwistjoni u interessanti ferm jinghad illi Terra Mediterranea ma ntavolat l-ebda appell minnha. Il-konkluzjoni ta' dan ma tistax tkun mod iehor, qed jigi sottomess illi almenu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin kemm Terra Mediterranea kif ukoll il-konjugi Aquilina kienu mija fil-mija konsapevoli illi l-art meritu ta' dawn il-proceduri kienet giet ikkonfermata bhala li qatt ma kienet ta' Spiteri Holdings u wisq inqas ta' Terra Mediterranea Limited ghal izjed minn sitt snin.

"9. Din id-dikjarazzjoni qed issir, mhux daqstant ghaliex din il-Qorti ghandha tibbaza d-decizjoni taghha f'dawn il-proceduri fuq l-istess ghax altrimenti jkun qed jindirizzaw il-Qorti biex tagixxi l-oppost ta' kif, qed jigi sottomess, ghandha u fid-dawl tas-sottomissjonijijiet gia maghmula izjed il fuq billi dak kollu deciz mill-ewwel Qorti huwa u jibqa' sospiz sakemm jigi deciz dan l-appell izda biss biex l-esponenti jilqghu ghar-ragunijiet imsemmija mill-konjugi Aquilina meta dawn talbu li l-mandati kawtelatorji in kwistjoni jigu mwarrba a bazi ta' dak imsemmi fis-sentenza.

"10. A skans ta' repetizzjoni l-esponenti jaghmlu riferiment ghas-sottomissjonijiet gia` maghmula f;din ir-risposta in kwantu l-konjugi Aquilina indikaw li ma kenux qablu mad-decizjoni dwar l-imghaxijiet dovuti u li taghhom l-ewwel Qorti ordnat il-hlas taghhom mid-data msemmija fis-sentenza sad-data tal-pagament effettiv billi jekk din l-Onorabbli Qorti kellha tiddeciedi li dawn l-imghaxijiet mhumiex dovuti tkun qed tiddeciedi minn issa l-appell proprju.

"**<u>RIGWARD IT-TALBA GHAL GARANZIJA A TENUR TAL-ARTIKOLU 838A TAL-KAP. 12</u>**

"1. Illi in kwantu ghat-talba ghall-garanzija a tenur tal-Artikolu 838 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta a fol. 7, 8 u 9 tar-rikors l-esponenti jergghu jissottomettu piu o meno l-istess argument msemmija supra billi la dargba din il-garanzija qed tintalab mhux

minhabba xi bdil fis-sustanza tat-talbiet u l-eccezzjoniet fil-kawza proprja u issa wkoll quddiem il-Qorti tal-Appell izda biss minhabba il-likwidazzjoni u l-kundanna ghall-hlas ta' Danni raggunti mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha li wasslu, almenu sakemm din il-Qorti tikkonferma, tvarja jew timmodifika s-sentenza appellata u ghal ebda raguni ohra. X'jippretendu l-konjugi Aquilina u wkoll Terra Mediterranea Limited wara s-sentenza li stabbiliet id-danni li huma sofew tammonta ghal almenu €759,098.23 mentri l-garanzija bankarja li ntavolaw il-konjugi Aquilina u Terra Mediterranea Limited biex ottenew il-hrug tal-kontro mandat fuq l-ewwel mandati kawtelatorji? Forsi jippretendu illi jibqghu ma jikkawtelawx din id-differenza iktar u iktar meta jafu illi is-sekwestri li ntavolaw fil-bidu nett tal-kawza ma rnexxilhom jaqbdu xejn. L-Artikolu 838A jaghti diskrezzjoni lill-Qorti meta din tigi mitluba, f'kaz illi talba ghat-tnehhija ta' mandat/mandat kawtelatorji ma tigix milqugha illi tordna l-persuna li tkun harget il-mandat taghti garanzija. Il-Ligi ma tatx din id-diskrezzjoni lill-Qorti ghal xejn b'xejn jew b'mod fierah izda sabiex tkun f'posizzjoni li twettaq gustizzja, kaz kaz wara li tifli c-cirkostanzi kollha, ukoll kaz kaz u tiddeciedi wara li tqis dawn ic-cirkostanzi jekk ghandhiex jew le timpani garanzija wara li tqis min mill-kontendenti f'dawk ic-cirkostanzi u b'gustizzja u ekwita ghandux jigi ordnat jaghti dik il-garanzija.

"2. L-esponenti kull m'ghandhom f'din id-dinja huma l-mobbli li ghandhom fid-dar taghhom meritu ta' dawn il-proceduri ghaliex sal-lum id-dar matrimonjali taghhom, m'hi taghhom xejn billi m ad-Direttur tal-Artijiet hija ntestata li tappartjeni lil Joint Office.

"3. Mhux talli allura l-esponenti ma jistghu qatt joffru xi garanzija izda aghar, jekk din l-Onorabbli Worti tordnalhom li johorgu l-garanzija mitluba fir-rikors promotur dan ma jkun ifisser xejn hlief illi l-Ligi filwaqt li taghti d-dritt lill-parti li tissalvagwardja l-interessi taghha, bl-istess nifs tkun qed twarrab dan id-dritt billi tordna l-impossibbli. Mhux hekk pero` huma c-cirkostanzi finanzjarji tal-konjugi Aquilina; tant illi meta ghall-ewwel irnexxilhom minn hawn jew minn hemm u in mala fede biex jizgiccaw milli jaghmlu tajjeb ghad-danni allgatament sofferti mill-esponenti, xorta wahda meta ppressati izjed permezz tal-mandat ta' inibizzjoni fuq riferit dawn irnexxilhom isibu s-somma msemmija fl-ewwel mandat ta' sekwestru u b'dan illi ddepozitaw garanzija bankarja ghal dak l-ammont biex twarrbu l-ewwel mandati."

It-talbiet tal-konjugi Aquilina huma allura tnejn; li l-mandati ta' qbid u sekwestru imsemmija fil-konfront taghhom personalment jitnehhew jew

alternattivament il-konjugi Penza jkunu ordnati jaghtu garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12.

Il-bazi tat-talba taghhom hija li s-sentenza imsemmija u li giet appellata illiberathom personalment mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk ma jezistux ir-ragunijiet ‘prima facie’ biex il-mandati jibqghu fis-sehh. Kif issemma fir-rikors gia hemm garanzija bankarja ta’ kwazi 350,000 euro favur il-konjugi Penza u ghalhekk ir-rikorrenti qed jargumentaw li l-mandati in kwistjoni huma semplicement vessatorji u ma hemmx lokhom.

Naturalment id-diversi argumenti imressqa mill-kontendneti fir-rigward tal-mertu tal-vertenza bejniethom huma ghal kollox irrilevanti f’dan l-istadju. Mandat kawtelatorju ghandu jinhareg meta jkun jidher ‘prima facie’ li min jitolbu ghandu ragun jaghmel dik it-talba – eventwalment jista’ jkun li dik it-talba tirrizulta gustifikata fil-kawza li tigi istitwita minnu izda jista’ jkun ukoll il-kaz li finalment ma jirrizultax hekk – u jekk it-talba issir malizzjosament ibati l-konsegwenzai tal-eghmil tieghu.

Ghalhekk il-Qorti trid tara f’dan l-istadju jekk it-talba ghall-hrug tal-mandati in kwistjoni kenitx gusitifkata u jekk ma kienux tordna t-tnehhija taghhom. Mad-daqqa t’ghajn huwa evidenti ghall-Qorti li l-ammont mitlub fil-mandati in kwistjoni huwa eccessiv u ai termini tal-Artikolu 836 (1) (d) u (f) ghandu jitnaqqas dan l-ammont. Infatti s-socjeta Terra Meditteranea giet ikkundannata thallas kwazi 375,000 euro u gia hemm

garanzija bankarja ghas-somma ta' 349,000 euro. Dejjem jekk is-sentenza appellata tkun ikkonfermata, ir-rikorrenti jistghu ikunu ikkundannati jhallsu l-imghaxijiet mid-data tas-sentenza appellata li f'dak il-kaz ikunu ta' 30,000 euro fis-sena – jekk jigu multiplikati b'hamsa jammontaw ghal 150,000 euro. Ghalhekk l-ammont sekwestrat ta' aktar minn 400,000 euro huwa eccessiv u se jigi mnaqqas ghal 175,000 euro biex b'hekk ikunu koperti l-ammonti possibilment dovuti.

Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk il-mandat ghandux jithassar fir-rigward tal-konjugi Aquilina personalment, din ghadha kwistjoni li ghadha mhux rizolta u suggett ukoll ghall-appell da parti tal-intimati. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li fil-waqt li f'dan l-istadju ma ghandhiex thassar il-mandati f'dan ir-rigward, l-intimati ghandhom jaghtu garanzija ghad-danni li jistghu jsofru r-rikorrenti minhabba dawn il-mandati. F'dan ir-rigward fil-vertenza fl-ismijiet **Darmanin v. Cachia** 31 ta' Lulju 2007, Prim'Awla, il-Qorti qalet illi;

> "Illi l-konsiderazzjonijiet dwar it-talba tar-rikorrent għall-għoti tal-garanzija mill-intimati eżekutanti tinbena fuq l-argument tal-istess rikorrent eżekutat li l-Mandat inħareġ bla bżonn ("inutilment") u li, minħabba fil-Mandat, qiegħed iġarrab ħsara u telf ma' kull jum li jgħaddi u x-xogħol jibqa' wieqaf;
>
> "Illi hawnhekk irid jingħad li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn;
>
> "Illi minbarra dan il-liġi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li

> toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għallfinijiet tal-artikolu 838A il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili."

Din il-Qorti anke fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra bhal dik fl-ismijiet **Demicoli v. Coleiro Supplies Limited** deciza fit-30 ta' Mejju 2002 ma hix tal-fehma li r-rikorrenti gabu bizzejjed provi (hlief allegazzjonijiet li bhala bniedem fin-negozju r-rikorrent kien qed isofri d-danni) biex jikkonvincuha tilqa' t-talba tieghu f'dan ir-rigward.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talba ghat-tnaqqis tal-mandati ghall-ammont ta' mija u hamsa u sebghin elf euro (€175,000) u tichad it-talbiet l-ohra.

L-ispejjez ta' dan l-incident ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df